# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum 24 ta' Mejju,  2018**

**Rikors Numru 77/2015 CSH**

**Lecocqassociate Ltd (C 51053)**

**Vs**

**Audentia Capital SICAV plc (SV 207) ghan-nom u fl-interess ta' Armatura  Fund (Licence Holder PIF207/A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici li gie pprezentat nhar it-2 ta' Marzu 2015 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont dovut ta' hamest elef tliet mija u ghaxar ewro (€5,310) rapprezentanti servizzi professjonali li nghataw mis-socjeta' attrici u li gew addebitati permezz ta' fattura numru 13014 datata 7 ta' Jannar, 2013, kopja ta' liema qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'AW-1', oltre l-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Audentia Capital SICAV plc nomine li giet ipprezentata fit-30 ta' Marzu 2015 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *"Illi preliminarjament, kontestwalment ma' din il-kawza s-socjeta' attrici ntavolat proceduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Lecocqassociate Limited v Audentia Capital SICAV p.l.c.** [14/2015 LM] illi wkoll jirrigwardaw allegati pendenzi ta' drittijiet professjonali dovuti mill-konvenuta lill-attrici. Tenut kont li l-vertenza hija bejn l-istess partijiet u tirrigwarda l-istess materja, ikun bir-rispett opportun illi dawn il-proceduri jistennew l-ezitu tal-kawza quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili biex hekk jigu evitati duplikazzjoni ta' provi u sentenzi konfliggenti;*
2. *Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti teccepixxi illi* **mhijiex il-legittimu kontradittur***, stante illi s-servizzi professjonali tal-attrici ma ntalbux mill-eccipjenti Audientia Capital SICAV plc, izda minn Alberto Llaneza Martin;*
3. *Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti mitluba mhumiex dovuti stante illi kien hemm nuqqasijiet professjonali mis-socjeta' attrici fit-thejjija tad-dokumenti ghat-twaqqif ta' dan il-fund. Dawn in-nuqqasijiet wasslu ghal dewmien fir-registrazzjoni tal-fund, liema dewmien ikkawza danni lill-konvenuta li jmorru ben oltre l-valur tal-fattura mertu ta' dan il-kaz. Ghalhekk mhux talli l-attrici ma haqqhiex li tithallas l-ammont pretiz minnha, izda talli l-konvenuta tirriserva minn issa kwalunkwe dritt jew rimedju fil-konfront tal-attrici, inkluz dak li tipprocedi ghal danni;*
4. *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sighat u r-rati kkwotati huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija;*
5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat dak li gie verbalizzat fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (fol. 20) minn Dr. Camilleri ghan-nom u  fl-interess tas-socjeta konvenuta fejn talab lil din il-Qorti tissoprasjedi mis-smiegh ta' din il-kawza sakemm ikun hemm decizjoni

fil-kawza li hemm pendenti qudiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Rikors Numru 194/2015 LM) bejn l-istess partijiet fuq mertu simili u talab zmien sabiex jipprezenta kopja ta' l-atti li hemm pendenti quddiem dik il-Qorti.

Dr. Ghaznavi min-naha tieghu ddikjara li l-azzjoni odjerna ghandha timxi indipendentement mill-proceduri gja pendenti quddiem il-Qorti Civili Prim Awla u konsegwentement oggezzjona ghal tali talba.

Rat id-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' konvenuta permezz ta' nota datata 15 ta' Mejju 2015 li permezz taghha pprezentat kopja tar-rikors promotur ipprezentat quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta' Marzu, 2015 Dok LM1, u r-risposta mahlufa mis-socjeta' attrici pprezentata fir-registru tal-Prim Awla tal-Qorti Civli nhar it-30 ta' Marzu, 2015 li giet immarkata bhala Dok LM2 flimkien mad-dokumenti hemm annessi.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u jitolbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza preliminari dwarha.

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-istess ismijiet premessi nhar l-24 ta' Gunju, 2015 fejn iddikajrat li ma kienitx lesta li tissoprasjedi stante li d-determinazzjoni ta' dik it-talba mhix necessarja sabiex tigi determinata din odjerna u ghalhekk cahdet it-talba tal-konvenut u ordnat il-prosegwiment tal-kawza odjerna.

Rat il-verbal tal-Qorti tat-30 ta' Settembru, 2018 fejn il-partijiet qablu li l-provi li kienu qed jingabru fil-kawza Rikors numru 78/15 fl-istess ismijiet premessi ghandhom japplikaw mutatis mutandi ghal din il-kawza.

Semghet il-provi imressqa mil-partijiet.

Ikkunsidrat

**Dr. Caroline Pace** xehdet fit-30 ta' Settembru, 2015 fil-kapacita taghha ta' Head of Office mas-socjeta' attrici. Spjegat li ilha tahdem mas-socjeta' attrici sa minn Mejju 2011. Spjegat illi una volta jkun hemm klijent li jixtieq jopera u jiftah kumpanija Malta, dak li jkun, jitkellem mad-direttur tas-socjeta' attrici. Spjegat li persuna ttihom indikazzjoni ta' dak li tkun tixtieq taghmel hawn Malta mbaghad huma bhala associates tal-kumpanija jitkellmu mal-klijent, jistrutturaw il-kumpanija li jkollu bzonn. Jekk klijent ikun jixtieq xi licenzja, kif fil-fatt jigri fil-maggoranza tal-kazijiet, huma jiddraftjaw id-dokumenti biex jottjeni tali licenzja u jillajsjaw mal-awtoritajiet koncernati. Mistoqsija x'relazzjoni hemm bejn il-kontendenti, wiegbet illi s-socjeta' konvenuta kienet klijenta tas-socjeta' attrici. Kompliet tispjega kif il-promotur tas-socjeta' konvenuta, Alberto Lanesa, kien effettivament tkellem mad-direttur tas-socjeta' attrici, effettivament kien talbu biex jinkorpora l-kumpanija Funds, u konsegwentement huma ghamlu x-xoghol relattiv ghal dan l-inkarigu. Ix-xhud qalet li kienu ntalbu sabiex jinkorporaw Professional Investor Funds u inizjalment Sub-Fund wahda li jisimha Armatura Fund. In segwitu' ghamlu d-*drafting* tad-dokumenti relattivi ghal dan l-inkarigu, skont l-istruzzjonijiet li gew moghtija. Qalet li una volta jaghmlu d-*drafting*, jibghatuhom kopja lill-persuni proposti li jsiru diretturi skont kif tkun informathom il-kumpanija. Meta l-MFSA jaghti l-approvazzjoni, d-dokumenti jigu ffirmati mill-Board of Directors u l-kumpanija tigi nkorporata u, tigi licenzjata. Sostniet li f'dan il-kaz hekk sar.

Wara l-Armatura Funds gew ikkrejati zewg funds ohra taht l-istess kumpanija u wahda minnhom ma kienitx giet licenzjata. Il-Board of Directors kienu talbuhom jissospendu l-inkarigu. It-tieni fund kien jisimha Audentia World Equity Fund. Sostniet li juzaw sistema fejn min jaghmel ix-xoghol ghandu sistema ta' *time sheeting* li fiha jdahhlu l-hin li qattghu fuq dak l-inkarigu, biex imbaghad johrog il-kont. Pero' ziedet li l-invoice ma tohroghiex hi izda tohrog mid-dipartiment tal-invoicing tal-kumpanija.

Tiddikjara li l-ewwel sub-fund li giet kreata kienet l-Armatura Fund, u d-dokumenti taghha gew draftjati minn Dr. Caroline Busuttil Naudi li spiccat tahdem hemm f'Settembru 2011 fejn allura dahlet hi minflokha. Din is-Sub-Fund giet licenzjata f'Dicembru/Jannar. Ghalhekk, tenniet, inizjalment kienet bdiet Dr. Caroline Busuttil Naudi u sussegwentement kompliet l-inkarigu hi w komplietu fuq sub-funds ohrajn. Rigwardanti l-Fund World Equity, ikkonfermat li kienet hadmet fuqu hi.

Ix-xhud iddikjarat li taf li llum hemm dizgwid bejn is-socjetajiet kontendenti. Tghid li dan ghaliex is-socjeta' attrici harget l-*invoice* sabiex tithallas tax-xoghol li ghamlet, mentri s-socjeta' konvenuta mhix komda li taghmel dan il-pagament mitlub u filfatt il-kont ghadu pendenti sa llum. Sostniet li rigward il-kwistjoni tal-funds kienet tkellmet ma' Alberto Lanesa, ma' Ivan Gomez Alonso u anke ma' certu Alberto Ortega u sussegwentement ma' nies ohrajn, diretturi. Spjegat li dan Alberto Lanesa huwa l-promotur tas-socjeta' konvenuta u li kien hu li avvicina s-socjeta' attrici sabiex jinkorpora l-kumpanija u jaghmel ix-xoghol. Alberto Ortega kien direttur fuq is-socjeta' konvenuta una volta giet registrata filwaqt li Ivan Gomez Alonso kien direttur sussegwentement fl-istess socjeta' konvenuta. Mistoqsija ma' min kienet titkellem ghan-nom tal-MFSA, wiegbet li llum-il gurnata ma tiftakarx. Mistoqsija wkoll jekk is-socjeta' konvenuta qattx ilmentat maghhom ghax-xoghol li kienu qeghdin jaghmlu, sostniet li sa fejn taf hi qatt ma kien hemm xi lmenti.

In kontro-ezami fl-istess seduta Dr. Caroline Pace iddikjarat li fil-fatt ix-xoghol fuq is-socjeta' konvenuta kien inbeda qabel ma bdiet bl-inkarigu taghha mas-socjeta' attrici. Hija taf li kull meta jkun hemm klijent gdid ikun hemm *engagement letter* u jkun hemm ukoll *exchange of letters*. Mistoqsija jekk qattx kienet involuta f'xi ftehim li seta' sar bejn is-socjeta'attrici u s-socjeta' konvenuta jew id-direttur taghha, wiegbet li hija personalment qatt ma

kellha l-ebda nvolviment u ghalhekk tassumi li dan il-ftehim seta' sar direttament ma' Domenic Lecocq li huwa d-direttur tas-socjeta' attrici w li hu bbazat barra minn Malta.

Mistoqsija ghand min tmur it-*time sheet* tax-xoghol li jsir, irrispondiet li s-sistema hija wahda *inbuilt* fil-computer, timputtja l-hin, pero' jekk effettivament min jaccessaha biex tohrog l-invoice hux Domenic, ma tafx tghid. Lanqas ma kienet taf tghid jekk effettivament dak iz-zmien is-Sur Lecocq kienx jivvetja l-kontijiet qabel johorguhom. Ziedet tghid li lanqas jekk qatt kienx hemm xi zbalji dwar xi dokumenti relattivi mal-World Equity Fund ma taf.

Ziedet li pero' man mano saru xi tibdiliet, u dan wara li sar certu *reviewing* peress li xtaqu xi struttura partikolari, w naturalment kellhom isiru xi kambjamenti. Insistiet pero' li meta gew strutturati d-dokumenti originali, dawn dejjem inghataw lid-diretturi tas-socjetajiet kompetenti biex jigu approvati, w una volta ma jkunx hemm kumment min-naha taghhom, jigu mibghuta lill-MFSA.

Mistoqsija jekk tafx dwar xi tnaqqis li setghu ghamlu l-konvenuti dwar xoghol relatat mal-World Equity Fund, qalet li ma tafx dwarhom.

Fit-13 ta' Jannar, 2016 xehed **Robert Higgins** li ddikjara li jokkupa l-kariga ta' deputy director mal-MFSA authorisation unit. Mistoqsi jispjega lill-Qorti jekk sarux xi kambjamenti tal-istruttura jew fl**-offering documentation** wara li kienu gew licenzjati s-sub funds mertu tal-kawza, ix-xhud wiegeb li kien hemm tibdil fl-istruttura w li effettivament minn dak iz-zmien sal-lum kien hemm diversi tibdiliet fl-istruttura u dokumentazzjoni relattiva. Fost l-ohrajn lejn l-ahhar tas-sena 2011, kien hemm tibdil dwar il-*prime broker* u ghalhekk kienu kkorrispondew ma' Lecocqassociate Ltd., sakemm fl-24 ta' Jannar, 2013 dawn innotifikawhom permezz ta' ittra, li ma kienux se jibqghu *legal advisors*

taghhom. Ghalhekk, zied, sa dakinhar zgur li kull komunikazzjoni li huma baghtu, saret mas-socjeta' attrici izda mbaghad minn Jannar 2013 'il quddiem ma baqghux jikkomunikaw mas-socjeta' attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta. Esebixxa kopja tal-ittra li l-Qorti mmarkat bhala Dokument CSH. Mistoqsi min kienu r-*regulatory advisors* il-godda tas-socjeta' konvenuta qal li kien hemm rikjesta sabiex Dr. Caroline Busuttil Naudi tkun appuntata l-legal advisor tal-fund.

Spjega li s-socjeta' Sicav hija speci ta' struttura li tahtha hemm numru ta' funds. Mistoqsi kemm hemm funds taht il-kappa ta' Audentia, wiegeb li llum il-gurnata hemm 22 sub-funds, pero' f'Jannar 2013 kien hemm talba sabiex jigu mwaqqfa zewg funds, dik maghrufa bhala World Armatura Fund kienet diga' mwaqqfa kif ukoll Audentia World Equity Fund kienet ukoll imwaqqfa. Ghalhekk il-maggor parti ta' dawn il-funds gew imwaqqfa wara Jannar 2013.

Insista li qabel Jannar 2013, il-korrispondenza kienet esklussivament mas-socjeta' attrici w kompla jghid li llum apparti komunikazzjoni ma' Dr. Caroline Busuttil Naudi, jkun hemm ukoll komunikazzjoni mal-iskema nnifisha. Ix-xhud qal li wara Dr. Caroline Busuttil Naudi kien hemm konsulenti ohrajn.

Fl-20 ta' Jannar, 2016 xehed **Dominic Lecocq** bil-lingwa Ingliza prodott mis-socjeta' attrici. Beda billi ddikjara li huwa Direttur tas-socjeta' attrici f'Malta. Is-socjeta' konvenuta kienet talbet lis-socjeta' attrici sabiex twaqqaf l-istruttura kollha, inkluz is-sub-funds in konnessjoni mas-SICAV. Zied li fil-fatt is-socjeta' attrici kienet waqqfet fund tal-kumpanija u sussegwentement kienu nghataw struzzjonijiet biex ikomplu bix-xoghol u hekk ghamlu. Qal li huma kienu jzommu kuntatt mal-Board tas-SICAV kif ukoll ma' Mr. Lanesa li kien rapprezentant tal-istess. Spjega li r-rapprezentanti tal-Fund kienu Mr. Lanesa u Mr. Ottega u kienu dawn li fil-bidu kienu tawhom struzzjonijiet biex iwaqqfu din il-kumpanija.

Una volta l-fund kien inkorporat u sussegwentement licenzjat mill-MFSA u allura l-kumpanija bdiet tahdem, u l-ewwel sub-fund gie licenzjat, Mr. Lanesa assuma r-rwol ta' rapprezentant tal-*investment committee* u kien hu li beda jzomm il-kuntatt mal-ufficini taghhom hawn Malta, generalment jew bit-telefon jew bl-email.

Ix-xhud qal li l-maggor parti tax-xoghol li sar, gie approvat mill-Board tas-SICAV. Spjega li talli waqqfu s-SICAV u s-sub-fund, huma ccargjaw *flat-rate* filwaqt li ghall-kumplament tax-xoghol iccargjaw *flat-rate by the hour.* Qal li dwar il-hlas taghhom kienu ftehmu ma' Mr. Lanesa u mal-board. Spjega li jkun hemm bzonn li investment fund jiggenera l-flus u b'hekk jaghmel qliegh. Qal li kien hemm hafna problemi relatati mal-board fis-sens li hafna nies kienu qed jirrezenjaw u allura dan kien joholqilhom hafna xoghol ghaliex kull darba kien ikollhom jappuntaw membri godda w kumitat gdid u naturalment dan jinvolvi hafna xoghol ta' karti w dejjem irid ikun hemm l-approvazzjoni tal-MFSA. Ghaldaqstant l-ammont mitlub fl-invoice tela' mhux hazin u kien ghalhekk li dehrlu li jkun ahjar li ssir invoice dettaljata u bhala *goodwill* offra skont ta' kwazi nofs dak dovut lilhom. Qal li fil-fatt l-ammont dovut kien tela' ghal madwar sittin elf Ewro (€60,000) izda hu kien lest jaccetta hlas ta' tletin elf Ewro (€30,000), pero' Mr. Lanesa infurmah li hu kien lest li jhallas biss ghaxart elef Ewro (€10,000) bhala *full and final settlement*. Naturalment huwa m'accettax u wara ntbaghtulu xi emails malizzjuzi. Esebixxa email mibghuta minnu rigward l-ammont dovut li giet immarkata bhala Dok. CSH.

Ikkonferma li l-*flat fee* ghal dak kollu li jaqa' taht il-kappa ta' SICAV u ghat-twaqqif ta' Armatura Fund thallset, filwaqt li l-*flat fee* ghall-World Equity Fund ma thallsitx u lanqas ma thallas ix-xoghol addizzjonali kollu li sar u li tnizzel fl-invoice. Mistoqsi jekk kienx hemm xi dewmien biex tigi licenzjata s-sub fund Audentia Capital Sicav, wiegeb li dan ma jiddependix minnhom ghax ikun hemm hafna nies involuti mal-licenzjar u r-registrar ta' kumpanija.

Qal li wara li Mr. Lanesa ddrafjta d-dokumenti, kien mehtieg li dawn jigu mghoddija lis-*service provider,* cioe' Apex, lill-fund administrator, lill-awdituri, lill-kustodju u sussegwentement lill-MFSA u dan jiehu z-zmien.

Ghadda biex qal li meta kienet se tkun licenzjata s-sub-fund World Equity mill-MFSA, is-Sicav investment committee ried li jinbidlu l-fees, partikolarment dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' performance. Riedu li dawn ikunu capitalized f'shares u jitqassmu bhala dividend. Ghaldaqstant kellhom ibiddlu l-fees structure u dan kien jirrikjedi emendi fl-Articles. Ghal darb' ohra biex dan isir, hemm bzonn l-approvazzjoni tal-MFSA u ghalhekk kellhom jergghu jintbaghtu l-MFSA ghall-approvazzjoni. Mistoqsi min jiddeciedi dwar il-fees tas-socjeta' attrici, wiegeb li huwa l-Board li jevalwa l-invoice. Gieli jkun hemm kaz fejn impjegat itella' hafna sieghat ta' xoghol u huwa jnaqqas il-kont. F'dan il-kaz huma riedu li l-konvenuti jaraw kemm qattghu hin jahdmu ghalihom u x'kien hemm involut u peress li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda tajba, kien tahom skont.

Qal li sa fejn jaf hu, il-*fund holder* inizjali kien Mr. Lanesa, u zied li dan jista' jkun konfermat mid-dokumenti tar-Registry. Ikkonferma li fil-bidu kienu jahdmu ma' Mr. Lanesa u li l-*fees* tal-*initial structure* thallsu.

Kienet Dr. Caroline Busuttil Naudi li fil-bidu kienet tinnegozja ghan-nom taghhom u meta din telqet kien hemm Dr. Pace li nnegozjat 85% tax-xoghol ma' Sicav. Huwa kien jissorvelja dak li kien qed isir.

**Lianne Scicluna** xehdet fl-1 ta' Marzu, 2016 prodotta mis-socjeta' attrici fejn iddikjarat li hija tahdem mas-socjeta' Swiss Independent Corporate Services Limited u dana fil-kapacita' taghha ta' accountant fejn jipprovdu l-*accounting services* tas-socjeta' Lecocqassociate Limited. Mill-verifiki li ghamlet jirrizulta li effettivament is-socjeta' konvenuta Audentia Capital Sicav plc noe ghandha

taghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest elef tlett mija u ghaxra (€5,310) rapprezentanti servizzi professjonali fuq World Equity Fund. Qalet li hemm invoice ohra pendenti relatata ma' servizzi professjonali li jinghataw dwar World Armatura Fund u dan fl-ammont ta' hamest elef tlett mija u tmienja u ghoxrin euro u tmienja u sittin centezmu (€5328.68). Hija ezebiet zewg invoices relatati ma' dawn iz-zewg fatturi li ghadha kif ezebiet u qalet li fihom hemm il-breakdown kif effettivament gew mahduma dawn l-ammonti. Dawn id-dokumenti gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument LS u LS1 rispettivament. Mistoqsija jekk kinitx hi li ghamlet dawn l-invoices, wiegbet li le ghaliex dak iz-zmien kienet ghadha ma bdietx tahdem mas-socjeta' Swiss Independent Corporate Services. Mistoqsija jekk huma jigux mgharrfa meta jkun hemm xi package gdid, qalet li filfatt ikunu mgharrfa. Ziedet li huma jivverifikaw il-korrispondenza li tkun ghaddejja bejnhom u l-klijent u johorgu l-invoices skont il-korrispondenza li tkun saret. Gieli kien hemm istanzi fejn effettivament ma kienx hemm korrispondenza, pero' f'dak il-kaz huma jivverifikaw mal-klijent u mal-*partner* Mr. Domenic Lecocq x'ikun gie diskuss. Iddikjarat li huwa Mr. Domenic Lecocq li jimmanigja u jikkordina d-*deals* li saru. Qalet li f'dan il-kaz hi ma kinitx involuta jekk effettivament kienx hemm package gdid u ma' min kienet giet koordinata.

In kontro-ezami x-xhud qalet li huma jircievu minghand is-socjeta' attrici t-*timesheets* u l-korrispondenza li tkun ghaddiet bejn is-socjeta' Lecocqassociate u l-klijent u huma jhejju l-invoices skont it-timesheets u l-korrispondenza li jircievu. Qalet li hi ma tistax titkellem kif kienu r-rati f'dawk iz-zminijiet ghax ma kinitx tahdem ma' din is-socjeta'. Spjegat li xogholha hu li tiehu hsieb l-*accounting* u l-*bookkeeping* pero' l-istatements johorgu minn persuna ohra impjegata ma' Lecocqassociate. Ghal darb'ohra tenniet li huma responsabbli mill-*bookkeeping* u l-*accounting* ta' Lecocqassociate. Ippromettiet li f'seduta ohra tesebixxi lista ta' invoices li thallsu.

Illi nhar is-6 ta' April, 2016 regghet xehdet **Leanne Scicluna** li esebiet zewg statements li ghadhom pendenti fuq il-funds maghrufa bhala Audentia Capital Sicav plc ghan-nom u fl-interess ta' Audentia World Equity Fund liema dokument qed jigi mmarkat bhala Dokument AB u dokument iehor fir-rigward ta' Audentia Capital Sicav ghan-nom u fl-interess ta' Armatura Fund li qed jigi mmarkat bhala Dokument AB1. Ikkonfermat li dawn il-fondi ghadhom pendenti sal-lum. Spjegat li effettivament fuq dawn iz-zewg sub-funds ma kien hemm l-ebda invoice li giet imhallsa u li l-invoices li thallsu kienu fuq il-fund principali.

**Leanne Scicluna** regghet xehdet fis-6 ta' Lulju, 2016 rigward punt li kienet semmiet fix-xhieda taghha precedenti tas-6 ta' April 2016 fejn kienet qalet li ma kien hemm l-ebda invoice li thallas in konnessjoni mal-Armatura Fund. Spjegat li minkejja li ma kien hemm l-ebda invoice specifika li effettivament thallset, ix-xoghol li sar ghall-inkorporazzjoni tal-Armatura fund thallas permezz ta' invoice li kienet indirizzata lil Audentia Capital Sicav. Ir-raguni ghaliex kienet inkorporata f'dik l-invoice kien ghaliex ix-xoghol tal-inkorporazzjoni kienet inkluza mas-*setup* tal-Armatura Fund u tal-Audentia Sicav. Hija esebiet din l-invoice li effettivament giet mmarkata mill-Qorti bhala Dokument CSH, u ddikjarat li llum tinsab imhallsa. Qalet ukoll li filfatt hemm indikat ix-xoghol partikolari ghal dan il-fund li effettivament thallas u ghalhekk l-invoices pendenti u reklamati fir-rikors promotur jirreferu ghax-xoghol li sar wara li effettivament dan il-fund gie stabbilit u nkorporat u ghalhekk ir-rikjesta biex hija tesebixxi *statement* ghal *paid invoices* ma tistax tigi milqugha ghaliex l-invoice li thallas huwa fuq Audentia Capital fund. Mistoqsija min effettivament kien hallas il-kont ezebit bhala Dok CSH, wiegbet li dan kien thallas mill-kontijiet individwali b'mod partikolari minn Miss Alberta Gomez u Mr. Alberto Linanesa.

Illi s-socjeta' konvenuta Audential Capital SICAV plc ipprezentat l-affidavit ta' Alberto Llaneza Martin, detentur tal-passaport Spanjol bin-numru 09428582P,

fil-kapacita' tieghu bhala rapprezentant tal-istess socjeta' konvenuta, u dan gie markat bhala ''Dok ALM1''.

Rat l-affidavit ta' Alberto Llaneza Martin bil-lingwa Ingliza pprezentat quddiem il-Qorti nhar 5 ta' April 2017 fl-affidavit tieghu jghid li huwa professjonist u jahdem fis-settur tal-Finanzi u partikolarment fis-settur tal-fondi. Nhar id-29 ta' April, 2011 kien ingagga personalment lis-socjeta' attrici Lecoq Associate Ltd. (the 'Firm') sabiex tigi krejata ' a Professional Investor Fund' – Audentia Capital SICAV p.l.c ( aktar ' l quddiem imsejha l-'Audentia' jew 'Scheme') gewwa Malta – kif ukoll sub fund bl-isem ta' Armatura Fund. Kemm is-SICAV u s-sub fund kellhom jigu stabbiliti versu l-prezz ta' erbgha u ghoxrin elf ewro (€24,000), kif kien gie kwotat mill-kumpanija (vide ''Doc. AUD1'').

Lecoq Associate Ltd. hija socjeta' Maltija u l-kap taghha huwa Dominique Lecocq li sa fejn jaf hu huwa avukat Franciz. Jghid li kien wasal fi ftehim ma' Dominique Lecoq fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tad-ditta fejn il-hlas tal-erbgha u ghoxrin elf ewro ( €24,000) kienu ser jithallsu minnu fi tlett pagamenti. It-tlett pagamenti kienu gew debitament imhallsa sat-2 ta' Ottubru, 2012 kif jdher mid-dokument "Doc. AUD2").

Ix-xhud spjega illi fl-1 ta' Dicembru kien pogga l-kumpanija f'kuntatt ma' FCS Asset Management ('FCS AM'), kumpanija stabbilita f'Malta li tipprovdi fund u asset management services, u kif FCS AM kienet tassew interessata sabiex taghmel replica tas-sub fund Armatura Fund gie miftiehem bejn FCS AM u Dominique Lecocq li d-ditta kellha tistabilixxi l- FCS L/S Plus Fund u li l-hlasijiet ghal dan ix-xoghol rispettiv li kien jinvolvi dan ix-xoghol kellhom jithallsu mis-sub fund innifsu ( vide 'Doc. AUD3 sa Doc. AUD6'). Id-dokument mmarkat bhala 'Doc. AUD4' partikolarment jikkonstitwixxi prova konkreta li dan l-arrangament kien gie mfisser lil Lecoq u mhux talli kien jaf bih izda kien personalment u direttament ta l-kunsens tieghu li tali hlasijiet kellhom jigu addebitati lis-sub-fund's Net Asset Value u amortizzata fuq perjodu ta' sena jew sentejn. Ghandu jigi rilevat li l-involviment tieghu f'dan ir-rigward kien sabiex

jagixxi bhala punt ta' referenza bejn FCS AM u l-kumpanija u li ma kienx involut f'xi diskussjonjiet li jikkoncernaw l-istruttura ta' sub fund appena msemmija. Fil-fatt kien Daniel Alonso (managing director ta' FCS AM) li tkellem ma' Lecoq b'referenza ghall-hlasijiet li kellhom jigu mhallsa mid-ditta sabiex giet krejata FCS L/S.

Ix-xhud stqarr li finalment f'Marzu 2012, u ghal darbohra fil-kapacita' tieghu personali bhala promoter ta' Audentia – peress li ma kienx ghadu gie nominat bhala Direttur sa dak iz-zmien (vide '' Doc. AUD7'') rigward in-nomina ta' Direttur u Investment Committee Member ta' l-iskema kien ingagga l-ufficcju sabiex jikkrejaw sub fund ohra bl-isem ta' Audentia World Equity Fund. Ix-xhud stqarr li kien iffirma engagement letter f'dan ir-rigward fejn kien gie miftehem bejnu u bejn id-ditta li kellu jhallas flat fee ta' erbat elef u hames Euro (€4,500) ghax-xoghol li kellu jsir.

Qal li fil-5 ta' Gunju, Omar Schembri minn Apex Fund Services (Malta), li kienet il-Fund Administrators antecidenti ta' Audentia, nnotifikatu (vide 'Doc. AUD8') tal-fatt li kienu identifikaw zball tekniku fl-Offering Supplement tal-Audentia World Equity Fund. Fil-qosor kif inhu l-kaz normali ma' self-managed PIFs, il-management u l-*performance fees* li huma dovuti jigu adebitati lil shareholders tal-Investor tas-sub funds rispettivi ta' SICAV's u konsegwentement imhalsa lil Founder Shareholders tas-SICAV innifisha. Bhala fatt il-promoturi tal-Audentia World Equity Fund, qatt ma urew il-hsieb li jitbieghdu minn dan l-arrangament fejn il-management u performance fees ultimament kellhom jithallsu mill-Founder Shareholders ta l-iskema b'mezz ta' subsequent distributions.

Naturalment huwa logiku li fin-nuqqas ta' rikjesta specifika min-naha taghhom sabiex jigi applikat arrangament differenti d-ditta kellha timplimenta l-istruttura standard, fejn il-Founder Shareholders kellhom jaraw gwadan mir-returns li s sub-fund taghha jiggeneraw. Minkejja dan, minhabba zball li sar min-naha ta' l-ufficcju rigward il-kliem li ntuzaw ghall-*Offering Supplement* tas-sub fund in

desamina, irrizulta li il- management u performance fees ultimament kellhom jigu mhallsa external Investment Committee members, kuntrarjament ghall-approach mehud fil-kostituzzjoni ta' set ups li kienu simili. Dan sar ghaliex l-ufficcju ma nserix l-kliem necessarju fl-*offering documents*.

Ix-xhud qal li meta gab din il-kwistjoni ghall-attenzjoni ta' Dominique Lecocq, Lecocq nforma lil Mr. Ivan Gomez wiehed mill-promoturi ta' Audentia, u lix-xhud stess li din kienet kwistjoni zghira li facilment setghet tissolva. Barra minn hekk Dominique infurmat lil Mr. Gomez li kien in kuntatt ma' wahda mill-ditti ewlenin tal-awditjar ta' Malta, Pricewaterhousecoopers ('PWC'), biex jiehu *feedback* fuq il-kwistjoni sabiex jiddetermina l-ahjar triq il'quddiem u ghaldaqstant jikkoregi l-izball. (see 'Doc. AUD9'). Mr. Lecocq ha aktar minn gimghatejn biex jaghtihom xi tip ta' twegiba minn meta l-kwistjoni giet indirizzata. Dan minkejja li din il-kwistjoni kienet estremament urgenti minhabba t-tnedija imminenti tas-sub fund.

Madankollu minkejja l-assigurazzjonijiet ta' Mr. Lecocq's li dak imsemmi hawn fuq kienet kwistjoni zghira, Audentia kienet xorta wahda pregudikata ghal numru ta' ragunijiet segwenti:

a) Naturalment dak l-izball kien imnehhi mid-dokumenti kostituttivi tal-tal-iskema u sub fond taghha safejn *management and performance* fees kienu koncernati dawn kellhom jigu rettifikati. Dan ifisser li dokumenti rispettivi offruti (i.e. *the offering memorandum and offering supplement*) emendati u ppruvati mill- 'MFSA'.

   Ix-xhud qal b'hekk l-MFSA approvat id-dokumenti emendati fl-14 ta' Novembru, 2012, hames xhur wara li l-izball kien gie identifikat l-ewwel darba ('Doc. AUD10') – dewmien li jista' jkun attribwit minhabba nuqqas ta' Mr. Lecocq's biex jirrejagixxi malajr, dewmien li ma kienx neccessarju. Dan kien ifisser li tnedija tas-sub fund marret lura b'mod konsiderevoli. Barra minn hekk sadanittant ix-Shareholders fundaturi ma

setawx jircievu hlasijiet ghall-management u performance li kienu akkumulaw u kieku l-izball ma sarx mill-bidu, l-investituri shareholders tas-sub fund tilfu wkoll qliegh sostanzjali fl-istess perjodu bhal Garim World Equity Fund (replica fund ta' Audentia World Equity li hi listed f' Luxembourg) kienet bejn wiehed u iehor 9% (ara "Doc.AUD11"), indikazzjoni ragonevoli u realistika tar-returns li Audentia World Equity Fund hadet biex operat dak iz-zmien.

b) Ix-xhud qal li biex l-affarijiet ikomplu jmorru ghal aghar, PWC ghamlu revizjoni tal-offering documents tal-iskema u s-sub fund taghha f'konnessjoni mal-izbalji in kwistjoni tal-ordnijiet ta' Dominique Lecocq. B'rizultat t'hekk ix-xhud qal li rcieva invoice bl-ammont ta' elf, seba' mija u sebghin ewro (€1,770) minghand PWC f'dan ir-rigward (ara "Doc. AUD12"), li jfisser li xhud kien effettivament iccargjat ghar-revizjoni li kienet ikkummisjonata minn Mr. Lecocq' innifsu rigward zball li l-kumpanija tieghu kienet kompletament responsabbli ghalih. Dan l-ammont kien issetiljat mix-xhud innifsu fil-kapacita' personali tieghu.

Ix-xhud qal li fid-19 ta' Lulju, 2012 Dominique Lecocq infurmah permezz ta' e-mail li kien se jiccargjah aktar flus ghal tibdil li kien sar aktar kmieni dik l-istess sena rigward ix-Shareholders fundaturi u diretturi ta' l-iskema ('Doc. INV5'). Qatt ma kien hemm ebda komunikazzjoni fis-sens li dan kien servizz li kellu jithallas bejn Mr. Lecocq u x-xhud qabel din l-email. Bil-kuntrarju, verbalment kien hemm qbil bejn Mr. Lecocq u x-xhud li ma kellu jkun hemm ebda hlas iccargjat mid-ditta ghal dan it-tibdil. Barra minn hekk, bhal ma diga gie ndikat aktar kmieni, precedentament kien hemm ukoll qbil li se tkun iccargjata rata fissa. Madanakollu l-hlas mitlub mid-ditta f'dan ir-rigward kien jammonta ghal erba' u ghoxrin elf, hamsa u disghin ewro, sitta u ghoxrin centezmu. (€24,095.26). Din is-somma hi ekwivalenti ghal kwazi nofs il-claims prezenti tad-ditta kontra Audentia li jammontaw ghal total ta' wiehed u sittin elf, erbatax-il ewro u erbghin centezmu (€61,014.40). Ix-xhud qal li ta'

min jaghmel paragun bejn is-somma diga msemmija ta' erba' u ghoxrin elf, hamsa u disghin ewro, sitta u ghoxrin centezmu (€24,095.26) – ccargjati mill-kumpanija ghall-implementazzjoni ta' tibdil fl-iskema tad-diretturi u s-somma ta' erba' u ghoxrin elf (€24,000) ccargjati ghat-twaqqif tal-istruttura kollha. Dan juri bic-car li l-*fee* iccargjata ghat-tibdil fl-iskema tad-*directorship* mhux biss hija redikolarment sfaccata, izda inproporzjonali ghal hin u x-xoghol rikjest biex isiru dawn it-tibdiliet.

Ix-xhud qal li l-proceduri minn dakinhar gew istitwiti mill-kumpanija permezz ta' tlett kawzi separati, liema kawzi x-xhud qal li sa dakinhar kienu ghadhom pendenti quddiem il-Qrati Maltin u li kienu diretti ghall-Audentia u sub fund taghha, Armatura u World Equity. Il-fatt li l-kumpanija ghazlet li tistitwixxi proceduri separati kontra Armatura u World Equity Fund in konnesjoni parti mit-talba totali li hi relatata ma' xoghol li ghamlet il-kumpanija in konnesjoni mas-sub funds hija kompletament illogika u ma taghmel l-ebda sens legali la darba dawn m'ghandom l-ebda personalità ġuridika fil-liġi. Il-kumpanija bbazat dawn it-talbiet fuq numru ta' invoices li hafna minnhom kienu uzati biex b'mod sinifikanti jghollu l-ammont realistiku allegat dovut lill-kumpanija rigwardanti l-iskema.

Ix-xhud qal li huwa pertinenti li jghid li bhal ma kien indikat aktar kmieni ma tezisti l-ebda ittra ta' engagement bejn il-kumpanija u Audentia minhabba l-fatt li xhud fil-kapacita' tieghu personali, kkummissjona l-kumpanija biex taghmel kull xoghol in konnesjoni mal-istruttura tal-iskema. L-iskema ma kinitx tezisti f'dak iz-zmien u naturalment dan kien l-iskop ta' engagement tal-kumpanija, l-ewwel haga. Biex tistabilixxi l-istruttura, ghalhekk kull pagament seta' jsir biss minn naha tax-xhud. Ghalhekk it-talba tal-kumpanija kienet diretta ghall-entita' zbaljata. Din hi veru specjalment rigward il-hlasijiet li gew mitluba ghax-xoghol li sar bil-hsieb li titwaqqaf l-iskema, peress li huwa evidenti li dan tal-ahhar ma kienx jezisti dak iz-zmien. Barra minn hekk, sad-data il-hlasijiet li saru mix-xhud lil kumpanija in konnesjoni ma kull xoghol li sar minn dak tal-ahhar kienu

dejjem effetwati mill-kontijiet bankarji personali tax-xhud u l-ebda hlasijiet tal-kumpanija qatt ma gew issetiljati mal-fondi propji tal-iskema wara li giet stabbilita'.

Invoices li jikkostitwixxu l-Ammont ta' talbiet totali

Ix-xhud qal li t-talba/iet tal-kumpanija kif spjegat aktar kmieni jiffurmaw il-bazi tat-tlett proceduri separati li kienu prezentament pendenti quddiem il-Qrati Maltin u li suppost irraprezentaw hlasijiet iccargjati ghal servizzi moghtija mill-kumpanija lil Audentia, ammont ta' wiehed u sittin elf, mija, wiehed u erba' ewro u erbghin centezmu (€61,104.40).

a. It-talba tal-kumpanija fil-proceduri stitwiti direttament kontra Audentia tinkludi dawn id-disa' invoices rispettivament:

   Invoice No. Dom-07 (mehmuza u mmarkata bhala "Doc.INV1")

   Ix-xhud qal li din l-invoice tinkludi hlasijiet dovuti rigward *Domiciliation* fl-ammont ta' mitejn, hamsa u erbghin ewro, disa' u sebghin centezmu (€245.79), liema charges gew ikkontestati, specifikament minhabba li Dominique Lecocq kien ikkonferma li x-xhud kellu jkun iccargjat fee fissa kif qal qabel ix-xhud aktar kmieni, ghal kull xoghol li kien hemm bzonn isir fil-process tat-twaqqif tal-iskema.

   Invoice No.AD-07 (mehmuza u mmarkata bhal "Dok. INV2")

   Din l-invoice tinkludi fees tad-direttur fl-ammont ta' elf ewro (€1000) dovuti lil Mr. Jason Vella Tabone, dan ta' l-ahhar kien introdott lil Audentia mill-kumpanija. Dawn il-fees kellhom ikunu parti mill-fee fissa liema Lecocq kwota inizjalment u ghaldaqstant gew ikkontestati.

   Rigward l- Invoice No.13002 (mehmuza u mmarkata bhala 'Doc. INV3') ix-xhud qal li din l-invoice tinkludi fees dovuti in rigward Compliance/AML u servizzi varji ohrajn ghall-ammont totali ta' erbat

elef, tlett mija u centezmu (€4,306.01) li hija akkumpanjata minn lista ddetaljata ta' xoghol rispettiv li sar mill-kumpanija. Din l-invoice hi kkontestata limitatament ghall-maggor parti tax-xoghol specifikat li kellu jkun kopert bi flat fee miftehma bejnu u bejn is-socjeta' kif spjegat aktar il'fuq.

Items ohrajn ikkaverjati bl-invoice kienu ccargjati zzejjed u f'dan il-kaz mhux l-ammont dovut biss li gie kkontestat, izda anke l-allegat xoghol li ntqal li tieghu hareg kont. Dawn l- items jinkludu (ftit minnhom):

*i)* *01.11.2011 – Sar meeting ma' PWC biex jingabru pending diligence ghall-kumpaniji kollha taghhom, il-hin kellu jkun mqassam bejn il-klijienti kollha madankollhu l-meeting ha siegha (dan hu l-aktar wiehed mill-aktar items illogici listed mill-kumpanija ghaliex huma kienu ccargjati ghas-siegha kollha liema diligenza ghal kumpanija kollha taghhom kienet migbura.*

*ii)* *09.12.2011 – Gbir ta' licenzja ta' l-MFSA, dikjarazzjonijiet minn CO u l-MLRO rigward Audentia Capital SICAV PLC, skenjat u ssejvjat fuq is-server mibghut lil-klijient b'email.-2 hours*

*iii)* *08.03.2012 – Attendenza ghall-Seminar fuq Corporate Governance and compliance (siegha wkoll).* Dan wkoll huwa item uzat bla bzonn il-hlasijiet iccargjati mill-kumpanija jigu aktar ghola b'mod konsiderevoli. Dan ma jaghmel l-ebda sens li bhala wiehed mill-klijenti tal-kumpanija, hu kellu jhallas ghall-seminar liema seminar li l-haddiema attendew kien fuq inizjattiva tal-kumpanija.

*iv)* *Skenjati fuq is-server u updated stamped mill-MFSA u OM u OS – 20 minuta*

Invoice No. 13007 (mehmuza u mmarkata bhala 'Doc. INV4'), hija invoice relatata ma' *Services u General Matters and Advice* ghas-somma totali ta'

hamest elf, seba' mija, sitta u hamsin ewro (€5,756.42). Il-lista dettaljata ta' dan ix-xoghol li takkumpanja din l-invoice tirrelata direttament ma' kwistjonijiet li huma direttament marbuta mat-twaqqif ta' Audentia u li ghalhekk kellha tkun ikkaverjata b'fee fissa kif maqbul bejn il-partijiet skont Dokument A, bhalma ndikat hawn fuq. Huwa qal li hu qatt ma kien infurmat li kien se jehel dawn l-extra charges apparti mill-fee fissa, lanqas ma kien infurmat bir-rata fis-siegha li kien se jkun iccargjat ghax-xoghol.

Rigward l- Invoice No. 13008 (mehmuza u mmarkata bhala "Doc. INV5'') Bhal ma diga' gie specifikat hawn fuq, din l-invoice hija relatata ma' hlasijiet iccargjati mill-kumpanija b'konnessjoni ma' tibdil f'Positions u Shareholders, servizzi ohra varji u 'Sundry Fees u Expences'. Hu qal li kien hemm qbil bejn il-partijiet li ma kellu jkun hemm ebda spejjez ghal dan ix-xoghol sabiex jikkumpensawhom ghall-izball imsemmi qabel, liema zball sar meta l-kumpanija kienet qed tabozza dokumenti kostittutivi tal-iskema.

L-invoice no. 13012 (mehmuza u mmarkata bhala 'Doc. INV6') ghandha x'taqsam mat-tibdil fl-istruttura tal-management u l-performance fees. L-ammont iccargjat f'din l-invoice kien ta' sebat elef, tmien mija, wiehed u erbghin ewro (€7,841.10). Bhalma kien spjegat aktar qabel, din is-somma kienet iccargjata ghal xoghol li kien sar mill-kumpanija biex jirrangaw l-izbalji taghhom, liema zbalji kkawzaw telf kbir ghall-iskema. Barra minn hekk, bhalma hu evidenti f'Dokument I, Dominique Lecocq kien qabel li jirrinunzja kull charges li pero' imbaghad gew jidhru nkluzi fit-talba.

Rigward l-invioce no. 13013 (mehmuza bhala 'Doc. INV7) ix-xhud qal li l-invoice tammonta ghal total ta' sebat elef, mija, wiehed u tletin ewro u erbatax-il centezmu (€7,131.14) li huwa dovut ghal xoghol li sar mill-kumpanija ghat-twaqqif ta' FCS L/S Plus Fund. Bhalma kien spjegat qabel, is-sub fund gie stabbilit fuq rikjesta ta' FCS AM's u skambju ta' emails bejn id-diretturi ta' FCA AM' s, u Domenique Lecocq juri bic-car il-fatt li dan tal-ahhar kien personalment accetta li jiccargja kwalsiasi tariffi fis-sub fund stess.

Ix-xhud qal li l-kumpanija istitwiet proceduri kontra Audentia, f'isem u fl-interess ta' Armatura Fund, fejn saret it-talba ta' hamest elef, tlett mija, tmienja u ghoxrin ewro, tmienja u sittin centezmu (€5,328.68). Dan il-pagament kien allegatament dovut ghar-rigward ta' servizzi rezi mis-socjeta' in konnessjoni mat-twaqqif tal-Armatura Fund kif dettaljat fl-invoice 13009 (mehmuza u mmarkata bhala "Doc. INV8").

Ix-xhud qal li barra dan il-fatt kull xoghol relatat mat-twaqqif ta' Armatura Fund kellu suppost ikun ikkaverjat minn rata fissa inizjalment maqbula bejn il-partijiet kif precedentement diga' ntqal u kif kien ikkonferma Dominique Lecoq hu nnifsu fis-26 ta' Dicembru, 2012 (ara Doc. AUD13) li l-invoice relatata mal-kreazzjoni kemm ta' Audentia u kemm ta' Armatura Fund kien gia gew issetiljati.

a. Ix-xhud qal li finalment, it-tielet set ta' proceduri gew istitwiti mill-kumpanija kontra Audentia, f'isem u fl-interess ta Audentia World Equity Fund. It-talba maghmula f'dawn il-prodecuri kienet ta' hamest elef, tlett mija u ghaxar ewro. (€5,310.00). Din il-*fee* hija dovuta ghall-servizzi moghtija mill-kumpanija in konnessjoni mat-twaqqif ta' World Equity Fund, kif dettaljata fl-invoice 13014 (mehmuza u mmarkata bhala 'INV9'). Huwa qal li dan l-ammont ma giex ikkontestat, madankollu baqa' mhux imhallas sad-data fid-dawl ta' pretensjonijiet ohrajn mhux misjuba li gew maghmulin mill-kumpanija kontra Audentia. B'mod partikolari qal illi hu ma jaqbilx mal-mod ta' kif din l-invoice kienet qed tigi mitluba f'proceduri separati billi l-invoices kollha riedu jigu kkunsidrati fil-kuntest tal-istampa kollha tas-servizzi moghtija mill-kumpanija lil Audentia u t-total ta' ammonti mitluba.

b. Ix-xhud semma li f'Malta, kemm Audentia u kemm hu nnifsu hadmu u ghadhom jahdmu ma' diversi ditti professjonali kemm fis-setturi finanzjarji, accounting, auditing u s-settur legali u dawn qatt ma kellhom kwistjonijiet jew problemi bi hlasijiet ta' *invoices*, hlief Lecocq Associate Ltd. (see 'Doc. AUD14'and 'Doc. AUD15'). Huwa qal li l-kumpanija ppruvat tpoggihom

f'dell ikrah billi baghtet korrispondenza lil MFSA u billi nsistiet mal-awdituri taghhom li ghandha tigi nkluza referenza ghat-talba taghhom fl-account ta' Audentia. Fl-opinjoni tieghu dawn kienu attentati biex huma jigi mbarazzati ghaliex fil-verita', huma ma kellhom l-ebda problema ma' service providers ohrajn bl-invoices taghhom ghaliex huma dejjem imxew b'mod gust u dejjem hallsu minghajr ebda problemi.

**Omar Schembri** xehed nhar il-5 ta' April 2017 fejn qal li jahdem gewwa Apex Fund Services u jahdem bhala *head of operations*. Qal illi Apex Fund Services hija *fund administrator* fis-sens illi tipprepara evaluation ta' funds. Mistoqsi jekk jafx lil Audentia Capital Sicav plc huwa qal li din kienet klijenta ta' Apex Fund Services u dan fis-sena 2003, anzi 2013. Saritlu referenza ta' dokument ezebit fl-atti a fol 181 u qal li effettivament kienet email mibghuta minnu lil Ivan Gomez u dan fil-5 ta' Gunju tas-sena 2012 u sostna illi kien zgur relatat ma' Audentia Capital Sicav pero' ma jiftakarx ezattament x'kien l-irwol tieghu. Qal illi f'din l-email huwa nnota li kellu xi lmenti u dan ghar-rigward kif kienu se jithallsu *management fees* tal-Fund. Hawnhekk kien qed jirreferi ghal Audentia World Equity Fund. Qal illi l-Fund taht dan l-isem kien ghadu kemm gie *launched* jew fi stadju li jigi launched u l-query tieghu kienet kif kienu se jithallsu l-*management fees* u dan ghaliex l-*iskema* kienet *self managed* u l-*fees* kienu ha jghaddu ghax-*shareholders* u hu kien staqsa jekk kinux se jithallsu l-founder shareholders. F'dan li kien staqsa dwar il-wording tad-dokumenti biex jithallsu l-fees lill-foundation holders.

Qal li hemm zewg tipi ta' *management*. Jew ikun hemm kumpanija *appointed* u b'hekk ikunu *straight forward* ghax il-*fees* jithallsu qabel, jew kif inhu dan il-kaz ma jkunx hemm *manager appointed* u allura jkun hemm *options* differenti kif isir il-hlas. F'din l-email hemm miktub ukoll li x-xhud kien ghamel kuntatt mas-socjeta' attrici. Qal illi Lecocqassociate kienu l-

*legal advisors* ta' Audentia Sicav u huma r-relazzjoni taghhom mas-socjeta' attrici kienet biss peress li kellhom klijent in komuni. Mistoqsi kif kienet involuta s-socjeta' attrici fl-istabbiliment ta' dan il-*fund* qal li di solito jiehdu hsieb il-preparazzjoni tad-dokumenti pero' ma jiftakarx f'liema stadju dahlu huma. Mistoqsi kemm kien ghadda zmien wara l-email li huwa kien baghat a fol 181 sabiex gie indirizzat l-ilment li tqajjem, jaf li nbidlu xi dokumenti biex jirriflettu dak li talab hu pero' bhala time frame ma jiftakarx.

**Omar Schembri** rega' xehed nhar is-27 ta' Settembru 2017 fejn ikkonferma illi effettivament l-email li hu semmha fix-xhieda tiegħu preċedenti tal-5 ta' Ġunju 2012 kienet tirrelata ma' Audentia World Capital World Equity Fund. Din kienet l-ewwel *sub fund* taħt il-kappa ta' Audentia Capital Sicav.

Mistoqsi jekk ix-xogħol li sar, fil-konfront tal-Armatura Fund sarx mis-soċjetà attriċi kkonferma li hekk hu. Bħala *administrators* huma ma kinux dahlu fil-kwistjoni ta' *fees* u għalhekk ma setax jikkonferma jekk il-*flat fee* kinitx tinkorpora, kinitx tinvolvi l-inkorporazzjoni tal-Audentia Capital Sicav u l-ewwel *sub fund* tagħhom.

Mistoqsi lil min kienu jinvojsjaw huma għax-xogħol li kienu jagħmlu għas-soċjetà konvenuta, qal li huma ma joħorġux invoices u dan għaliex il-*fees* huma bbażati fuq *agreement* u qal li l-*agreement* li kellhom kien mad-Direttur tas-soċjetà Audentia Capital Sicav.

Mistoqsi jekk kienx jaf li effettivament kien hemm kwistjoni pendenti bejn is-soċjetà Audentia Capital Sicav u s-soċjetà attriċi qal li iva kien jaf u din kienet tirrigwardja kwistjonijiet ta' *fees* u ċioè li ma kienx hemm qbil dwar *fees* li setgħu kienu dovuti. Huma ma ppreparawx *financial statements*. Għamlu biss value tal-*fund* sa Ġunju. *Il-financial year* tas-Sicav kienet inbidlet minn Gunju għal Jannar u għalhekk sakemm huma kienu *administrators* ma kinux involuti fil-*financial statement* tagħha.

Sostna illi fin-*net asset value* tal-fund ma kinitx daħlet il-*fee* dovuta lis-soċjetà attriċi, kemm kienu daħlu *r-registration fee* u l-*MFSA fee* u lanqas is-*set up fees* dovuti lil Lecocq ma kienu daħlu. Tenna illi d-deċiżjoni kien ħadha ċertu Alberto fil-kapaċità tiegħu ta' Direttur tas-soċjetà Audentia Capital Sicav li effettivament din id-*dispute* li kien hemm mas-soċjetà ma tiġix indikata fin-net asset value tagħhom.

Huwa minnu illi s-soċjetà Audentia Capital Sicav kienet klijent komuni kemm għas-soċjetà attriċi u kif ukoll tagħhom, Apex Funds Services.

L-*agreement* li kien hemm bejn l-Apex Funds Services u l-Audentia Capital Sicav kien ikopri biss l-*administration fees*. Qal li r-relazzjoni bejn is-soċjetajiet kontendenti bdiet fis-sena 2011 u sadanittant kien hemm aktar minn *fund* wieħed li d-dokumenti tiegħu ġew *submitted* l-MFSA fosthom Armatura u World Equity. Huma bħala Apex Funds Services kull ma għamlu, illonċjaw u ppreparaw *n-net asset value* ta' Audentia World Equity li kien l-uniku fund li sakemm huma kienu ghadhom *administrators* kien irċieva flus minn investituri. Issa, sa fejn jaf għalxiex kienet id-*dispute* ta' *fee* bejn is-soċjetajiet kontendenti huwa qal li kienet tirrelata għal dokumenti li kienu ġew ġia *submitted* lill-MFSA, sar xi tibdil ta' Diretturi u ta' holders fuq dawn l-istess dokumenti u ma tħallsux tagħhom u dawn kienu jirreferu għas-soċjetà Lecocqassociate Limited u mhux għalihom.

**Aaron Sammut** xehed nhar il-5 ta' April 2017 fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' direttur ta' Amicore Fund Services u s-servizzi taghhom huma ta' *Fund Administrator*. Huma jikkalkulaw in-*net asset value* ta' diversi *sub funds* li huma licenzjati hawn Malta u jaghmlu servizzi ta' transfer agency billi jipprocessaw *subscriptions u redemptions* ta' investituri. Mistoqsi jekk jafx is-socjeta' Audentia Capital Sicav plc huwa qal li jafha ghax fil-fatt huma klijenti taghhom billi jtuhom is-servizzi li ghadu kif semma ta' fund

administration u saru klijenti taghhom f'Lulju tal-2013 u xhud qal li huma kienu hadu *over* minghand *service provider* iehor, minghand is-socjeta' Apex Fund Services.

Saritlu referenza ghad-dokument AUD14 esebit fl-atti a fol 204. Huwa gharaf din l-ittra u qal illi din hija ffirmata minn *sister company* taghhom Amicore Services u ffirmata mid-direttur Clint Chetcuti fejn jaghti referenza ghal *good standing* li huma ghandhom mal-klijent Audentia. Fil-fatt huwa kkonferma dak li kiteb il-kollega tieghu Clint. Ghandhom servizz tajjeb hafna ma' Audentia Capital Sicav u qatt ma kellhom kwistjonijiet maghhom. Mistoqsi jekk huwa jafx is-socjeta' attrici in konnessjoni mas-socjeta' konvenuta jaf illi qabel ma hadu *over* huma s-socjeta' attrici kienet taghti xi servizzi. Mistoqsi jekk qattx kien hemm xi kuntatt bejnhom u bejn is-socjeta' attrici qal li iva kien hemm. Ix-xhud jiftakar li kienu rcivew ittra indirizzata lilhom fejn infurmawhom li kellhom xi *claim* pendenti fuq ix-xoghol li kienu taw lis-socjeta' konvenuta qabel ma fil-fatt kienu hadu *over* huma u kienu qeghdin jesigi li tigi rikonoxxuta din il-*claim* u sostna bhala *fund administrator* li jaghmlu l-accounts tal-kumpanija jrid ikollhom l-informazzjoni kollha biex ikunu jafu jekk it-talba li tkunx qed issir hiex wahda *reliable* jew le. Dan sabiex eventwalment tigi nkluza fl-*accounts*. Pero' mbaghad finalment decizjoni x'jidhol u ma jidholx fil-*financial statement* ma tkunx kwistjoni tal-*fund administrator*. Tenna illi l-ittra li tkun intbaghtet is-socjeta' attrici jkollhom kopja ghandhom u pprometta li jghaddi kopja taghha lill-avukati difensuri tas-socjeta' konvenuta. Mistoqsi kif baqghu fuq din l-istess talba maghmula mis-socjeta' attrici, sa fejn jaf hu dan il-kont ghadu pendenti. Fil-fatt kien diga ta x-xhieda tieghu quddiem Qorti ohra u minn dakinhar 'l hawn is-sitwazzjoni baqghet l-istess u zied illi effettivament lanqas *provision* ma saret dwar din is-sitwazzjoni fil-kontijiet tal-kumpanija konvenuta u d-decizjoni ahharija dejjem tkun tad-direttur u sussegwentement tigi riveduta mill-awdituri tal-kumpanija.

**Aaron Sammut** xehed nhar il-21 ta' Gunju 2017 fejn qal illi bhala socjeta' huma kienu rcivew ittra ufficjali minghand is-socjeta' attrici, apparti zewg ittri bonarji ohra cioe' fejn huma kienu gew mgharrfa illi s-socjeta' attrici kienet qed titlob somma flus minghand is-socjeta' konvenuta. Huma jokkupaw il-kariga ta' *fund administrators* f'dan il-kaz. Ix-xhud sostna illi huma jikkalkulaw ukoll in-*net asset value*. Ix-xhud kompla jghid li meta huma rcivew l-ittra ufficjali nfurmaw lid-diretturi tas-socjeta' konvenuta u dan sabiex jaghtuhom aktar informazzjoni dwar din it-talba peress illi dan il-kaz kien gara qabel ma hadu over huma. Kien hemm fund administrator ohra li huma Apex. Ix-xhud qal li skont l-informazzjoni li tawhom kien remot li fil-fatt is-socjeta konvenuta titlef il-kaz taghha u ghalhekk meta huma preparaw il-*financial statements* u ovjament l-awdituri KPMG kienu mgharrfa b'dan kollu u x-xhud qal li min-naha taghhom huma ma wrew xejn. Id-diretturi li fl-ahhar mill-ahhar huma responsabbli ghal dak kollu li jidher fil-*financial statements* flimkien mal-awdituri li johorgu l-opinjoni taghhom qablu mat-trattament li hadu u l-*financial statements* gew iffirmati bi *clean audit opinion* mill-KPMG u ghalhekk ma kien hemm l-ebda referenza ghal dan l-ammont li huwa kontestat. L-obbligi tax-xhud huma skont dak li qed jirrizulta lilu kif ukoll skont l-opinjoni li tigi moghtija lilu. Huma ma hadu l-ebda parir legali fuq din il-kwistjoni, kienet decizjoni tieghu. Id-decizjoni ix-xhud hadha fuq informazzjoni li giet moghtija lilu mid-diretturi kif ukoll mill-awditur. Qal ukoll illi huma applikaw IS37 li huma *standards tal-accountants* fejn inti tista' ma tizvelax certu ammonti jekk ic-cansijiet li jithallsu huma remoti. Wiehed minn dawn id-diretturi fil-fatt huwa avukat Dr. Frank Chetcuti Dimech li huwa wkoll *compliance officer*. Il-kontestazzjoni tqajmet wara li hadu over huma.

Semghet lill-avukati tal-partijiet jittrattaw il-kaz u talbu lil Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Is-socjeta' attrici tikkontendi li ghad hemm pendenti bilanc ta' hamest elef tliet mija u ghaxar ewro (€5,310.00) Euro ghal servizz professjonali rezi minnha lis-socjeta' konvenuta skond fattura numru 13009 datata 7 ta' Jannar, 2013, kopja ta' liema tinsab esebita fl-atti u mmarkata bhala Dok. 'AF-1', oltre l-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv. Min naha tas-socjeta' konvenuta tikkontendi preliminarjament li s-socjeta' konvenuta m'hijiex il-legittimu kontradittur ghaliex fil-fehma taghha is-servizz professjonali nghata lil Alberto Llaneza Martin personalment u mhux bhala direttur tas-socjeta' konvenuta. Fil-mertu, s-socjeta' konvenuta ssostni li s-somma mitluba mhux dovuta stante li fil-fehma taghha kien hemm nuqqasijiet professjonali mis-socjeta' attrici fit-thejjija tad-dokumenti ghat-twaqqif ta' dan il-fund, u dawn in-nuqqasijiet wasslu ghal dewmien fir-registrazzjoni tal-fund. Izzid tghid li dan id-dewmien ikkawza danni lis-socjeta' konvenuta li jmorru ben oltre l-valur tal-fattura mertu ta' dan il-kaz. Fit-tieni lok tghid ukoll li l-ammont mitlub mhux dovut ghaliex is-sighat u r-rati kkwotati fl-invoice mibghuta minnha huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija;

**Min jallega jrid jipprova**

Il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-kawza deciza minnha stess kif presjeduta fis-16 ta' April, 2013 fl-ismijiet **Martin Mifsud et vs Marika Almerigo** fejn intqal:

"*Min jallega jrid jipprova – qui allegat probat. L-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah a tenur ta' l-artikolu 562 tal-Kap 12. L-artikolu 559 ukoll jipprovdi li l Qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib.*

*Ukoll, fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Joseph Zammit vs Joseph Hili****, Appell Sede Inferjuri, 27 ta' Gunju, 1953 insibu:*

*"ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat".*"

Ghalhekk fil-kamp civili element necessarju dwar il-provi huwa li min jallega jrid jipprova. Il-Qorti trid tasal fuq il-bazi tal-provi prodotti quddiemha u tkun moralment sodisfatta li l-attur issodisfa l-oneru tal-prova tieghu. Mhux necessarju dak li jirrikjedi l-kamp kriminali li ssir prova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Jigi osservat ukoll li kif intqal mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fi **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et** **(deciza 28/04/2004):**

"*...li huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f'kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikament opposti w li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorrixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.*

*F'kaz li l-attur jonqos li jipprova dak minnu allegat, jibqa' dejjem jimpera l-principju 'actore non probante reus absolvitur'. L-attur li jallega l-incident ma sehhx b'tort jew b'negligenza tieghu ma jistax jiskarta l-oneru tieghu fuq il-principju l-iehor 'reus in excipiendo fit actor', ghax, jerga' jinghad, l-oneru centrali ta' l-akkuza jibqa' fuqu.*

*Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* ***Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri*** *(deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-*

*"..... Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi".*

*Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.*"

Finalment il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Jannar, 2007 fl-ismijiet **MiddleSea Insurance p.l.c. vs Rudolph Spiteri** (Cit. Nru. 1168/03FS) li fiha gabra ta' decizjonijiet fuq dan l-aspett.

**Relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti:**

Is-socjeta' konvenuta eccepiet li m'ghandhiex relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u se mai r-relazzjoni li kellha kienet ma' Alberto Llaneza Martin u li ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-

**"***Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Interessanti wkoll dak li sostniet il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti** fejn inghad:

"*b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu` ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha*."

Il-Qorti kellha l-okkazjoni li tistudja dak li ntqal fil-kawza fl-ismijiet **Camel Brand Co. Ltd. Vs Michael Debono nomine et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 2005. Fost affarijiet ohra hi kkwotat minn diversi sentenzi l-principji applikabbli fuq is-suggett tal-legittimu kontradittur:

"...il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** deciza fis-27 ta' April 1992 (Vol LXXVI.iv.673) u fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Keith Bonnici noe vs Mark Grima** deciza fit-30 ta' April 1992:

"*Illi hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor;*

*Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;*

*Il-provi f'dan ir-rigward ghandhom jintiznu fid-dawl tar-regola li fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz (Troplong mandato no. 50) citata fil-kollezzjoni Vol XLII.ii.203.*

*Inoltre, ghandu jigi rrilevat li l-ligi tezigi (Art. 993 Kap. 16) li kull* kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi esegwita in buona fede."

Inoltre, fis-sentenza fl-ismijiet **Legend Real Estate Ltd v. Ron Chetcuti**, il-Qorti ta' l-Appell gie ritenut ukoll li,

*"Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata.*

*Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa konnoxxenza tas-socjeta` attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta* (**John Vella noe v. Anthony Vella et**, Qorti ta' l-Appell, 3 ta' Dicembru 1999)."

U aktar tard ziedet li:

*"Jispetta lill-gudikant li jizen ic-cirkostanzi ta' kull kaz biex jasal ghall-konvinciment jekk kellux jew le jkun apparenti lill-kontraenti illi xi parti kienet qed tidher in rapprezentanza ta' haddiehor. Certi kazijiet huma ovvji, ohrajn mhux daqstant ovvji. Fejn hemm dubju pero` wiehed kellu jipprezumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed taghmel f'isimha proprju* (**Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice,** *Qorti ta' l-Appell, 6 ta' Ottubru 1999)."*

Mis-suespost jemergu dawn il-principji:

- normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu;
- Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel din l-allegazzjoni;

• fin-nuqqas ta' provi jew anki fid-dubju l-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz;

• kull kuntratt u kull obbligazzjoni ghandha ssir u tigi ezegwita in buona fede;

• min innegozja mas-socjeta` attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku li f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identifikata;

• altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilita` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta;

Naturalment kull kaz irid jigi ezaminat fuq il-fattispeci partikolari tieghu biex wiehed jara jekk il-principji fuq esposti gewx applikati o meno. Il-Qorti qed tikkwota l-imsemmija sentenza fl-ismjiet **Camel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono** biex tipprova li fil-fatt is-socjeta` attrici kienet il-legittimu kontradittur. Is-socjeta' konvenuta ma gabet l-ebda prova li ma kinitx konsapevoli li Alberto Llaneza Martin kien qed jagixxi f'isem is-socjeta` konvenuta. Is-socjeta' attrici dejjem emmnet li Alberto Llaneza Martin li hu qed jikkontratta f'isem socjeta` konvenuta li talbet is-servizz professjonali minghand is-socjeta' attrici. Is-socjeta' konvenuta tibbaza d-difiza taghha fuq l-asserzjoni li s-servizz professjonali kopert bl-invoice fuq imsemmija fir-rikors promotur gie mitlub minn Alberto Llaneza Martin personalment meta ma kienx ghadu Direttur tas-socjeta' konvenuta. Pero' l-Qorti tghamel referenza ghal sentenza moghtja mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ricentement fl-ismijiet **Lecocqassociate Ltd (C 51053) vs Audentia Capital SICAV plc** (SV 207) nhar il-21 ta' Frar 2018 fejn din l-istess eccezzjoni kienet giet solevata mis-socjeta' konvenuta u rigettata mill-Qorti. Dik l-Qorti stqarret li "*Din l-asserzjoni waħedha ċertament mhux biżżejjed aktar u aktar meta mill-atti jirriżulta li s-servizzi professjonali in kwistjoni ġew reżi mis-soċjetà attriċi meta s-soċjetà konvenuta kienet diġà ġiet iffurmata u mhux qabel.*" Mill-provi jirriżulta wkoll li l-fatturi antecedenti kienu

ndirizzi lis-soċjetà konvenuta u s-socjeta' konvenuta ma kienet sabet ebda oġġezzjoni għalihom u fil-fatt kienu gew aċċettati u imhallsa.

Dominic Lecoq Direttur tas-socjeta' attrici fix-xhieda tieghu jghid li kienet is-socjeta' konvenuta li kienet talbet lis-socjeta' attrici minnu rapprezentata sabiex twaqqaf l-istruttura kollha nkluz is-sub funds konnessi mas-SICAV. Jghid li s-socjeta' attrici kienet waqfet tali fund u s-socjeta' konvenuta kienet tatha struzzjonijiet sabiex ikomplu bix-xoghol. Qal li kuntatt kienu jzommu kemm mal-Bord tas-SICAV kif ukoll ma' Mr. Lanesa li kien rapprezentant ta' l-istess socjeta' flimkien mas-sur Ortega. Jghid li una volta l-ewwel sub fund gie licenzjat is-sur Manesa assuma r-rwol ta' rapprezentant tal-investiment committed u kien hu li jzomm il-kuntatt mal-ufficini taghhom Malta, generalment jew bit-telefon jew b'email. Qal ukoll li l-maggor parti tax-xoghol li sar minnhom ghas-SICAV gie approvat mill-Bord taghha. Is-sur Lecoq fix-xhieda tieghu jispjega ghaliex il-kont kien wiehed konsiderevoli u li kien lest li jaghti discount pero' s-socjeta' konvenuta xorta rat li l-ammont kien eccessiv u qatt ma allegat li x-xoghol li nghata ma kienx ta' kwalita' tajba jew li ikkawzalha xi danni minhabba xi allegat dewmien. Lianne Scicluna li tahdem mas-socjeta' Swiis Independent Corporate Services Limited bhala accountant u tipprovdi l-accounting tas-socjeta' attrici kkonfermat li s-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' hamest elef, tlett mija u ghaxra (€5,310) rapprezentanti servizzi professjonali fuq World Equity Fund skond l-invoice esbita minnha mmarkata bhala Dok LS u kkonfermat li kienu hargu din l-invoice skond il-korrispondenza li kienet ghaddejja bejn is-socjetajiet kontendenti anke fir-rigward tat-time sheets. Interessanti fir-rigward ta' din l-eccezzjoni huwa dak li qalet Leanne Sciculna meta spjegat li x-xoghol li sar ghall-inkorporazzjoni tal-Armatura fund thallas permezz ta' invoice li kienet indirizzata lil Audentia Capital Sicav (vide Dok CSH). B'hekk is-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet li ghandha relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Din ix-xhieda ta' Scicluna qatt ma giet kontestata.

Mill-provi jirriżulta ċar illi Llaneza bħala promotur tas-soċjetà konvenuta, Sicav, kien qiegħed jikkommunika mas-soċjetà attriċi għan-nom tas-soċjetà konvenuta. Fiż-żmien rilevanti għal din il-kawża, Llaneza meta kien jikkomunika bl-*e-mails* mas-soċjetà attriċi qabel ma ġie maħtur direttur tas-soċjetà konvenuta, kien jikkorrispondi bħala CEO ta' Audentia Capital u bl-*email* alberto.llaneza@audentiacapital.net. L-impjegati tas-soċjetà attriċi fix-xhieda tagħhom jgħidu li apparti li dejjem ikkunsidraw li Llaneza kien qed jidher għan-nom tas-soċjetà konvenuta, huma kienu jinfurmawh b'kull ma kienu qegħdin jagħmlu lid-diretturi reġistrati tas-soċjetà konvenuta, kif jirriżulta mill-*e-mails* li jinsabu fl-atti, anki dawk esebiti mis-soċjetà konvenuta stess.

Mill-provi mressqa jirriżulta li wara l-formazzjoni tas-soċjetà attriċi u l-ewwel sub-fund tagħha, is-soċjetà attriċi baqgħet tagħti l-assistenza legali tagħha lis-soċjetà konvenuta. Mill-e-mails li ġew prodotti in atti u mix-xhieda tal-impjegati tas-soċjetà attriċi, jirriżulta li d-diretturi tas-soċjetà konvenuta kienu kontinwament jiġu infurmati bis-servizzi li kienu qegħdin jingħataw.

Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li in effetti s-socjeta' konvenuta hija l-legittimu kontradittur tas-socjeta' attrici u ghalhekk it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qed tigi michuda.

Dwar il-mertu s-socjeta' konvenuta qed tecepixxi li m'ghandhiex thallas lis-socjeta' attrici minhabba zewg ragunijiet.

1.Nuqqasijiet professjonali mis-socjeta' attrici fit-thejjija tad-dokumenti ghat-twaqqif ta' dan il-fund tant li tghid li tali dewmien ikkawza danni lis-socjeta' konvenuta.

2. Li s-sighat u r-rati kkwotati mis-socjeta' attrici fl-invoice taghha huma ezagerati meta mqabbla man-natura tas-servizzi moghtija;

## Nuqqasijiet professjonali mis-socjeta' attrici

Dominic Lecocq jispjega meta gie mistoqsi jekk kienx hemm dewmien minn naha tas-socjeta' attrici meta tat is-servizz lis-socjeta' konvenuta biex tirregistra l-fund, jghid li biex tigi licenzjata sub fund dan ma jiddependix biss minnhom ghax ikun hemm hafna nies involuti mal-licenzjar u registrar tal-kumpanja. Qal li wara li s-sur Lanesa jiddraftja d-dokumenti kien mehtieg li dawn jigu mghoddija lis-service provider Apex, lil fund administrator, lill-awdituri, lill-kustodju u sussegwentement lil MFSA u dan jiehu z-zmien. Qal u dan b'referenza ghas-socjeta' SICAV stess li meta kienet ser tkun licenzjata l-fund World Equity mill-MFSA s-Sicav investment committee ried li jinbidlu l-fees, partikolarment dawk li ghandhom x'jaqsmu ma' performance. Riedu li dawn ikunu capitalized f'shares u jitqassmu bhala dividend. Ghaldaqstant kellhom ibiddlu l-*fees structure* u dan kien jirrikjedi emendi fl-Articles. Ghal darb' ohra biex dan isir, hemm bzonn l-approvazzjoni tal-MFSA u ghalhekk kellhom jergghu jintbaghtu l-MFSA ghall-approvazzjoni. Mistoqsi min jiddeciedi dwar il-*fees* tas-socjeta' attrici wiegeb li huwa l-Board li jevalwa l-invoice.

Dr. Caroline Pace xehdet fit-30 ta' Settembru, 2015 fil-kapacita' taghha ta' Head of Office mas-socjeta' attrici, u kkonfermat meta giet mistoqsija jekk kienx hemm xi lment minn naha tas-socjeta' konvenuta minhabba n-natura tas-servizz li kien qed jinghata lis-socjeta' konvenuta tghid li ma tafx li kien hemm.

Omar Schembri li jahdem ma' Apex Fund Services jikkonferma li kien jaf bis-socjeta' Audentia Capital Sicav ghaliex kien hadem fuqha fuq rikjesta tas-socjeta' attrici meta kienet ghaddietlu xi dokumentazzjoni, pero', jghid li jaf li kien hemm xi tibdil fid-dokumentazzjoni li ntalab mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk kien ghadda certu zmien. Robert Higgins deputy director mal-MFSA *authorisation unit* ukoll jikkonferma li saru xi kambjamenti tal-istruttura jew fl-offering documentation wara li kienu gew licenzjati s-sub funds mertu tal-kawza. Ikkonferma li kien hemm tibdil fl-istruttura w li effettivament minn dak iz-zmien sal-lum kien hemm diversi tibdiliet fl-istruttura u dokumentazzjoni relattiva.

Illi s-socjeta' konvenuta tghid li kien hemm dewmien fis-servizz pero' ma tispjegax x'tip ta dewmien kien hemm. Jigi mfakkar li fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B' danakollu jigi rilevat ukoll li s-socjeta' konvenuta stqarret li sofriet xi danni minhabba d-dewmien tas-socjeta' attrici pero' fl-atti ma ġiet ippreżentata ebda prova konklussiva ta' danni u ma saret ebda kontro-talba f'dan is-sens. Il-Qorti thoss li bl-agir taghha u bix-xhieda imressqa minnha ma jirrizultax li s-socjeta' attrici ghandha tinzamm responsabbli ghal xi dewmien fis-servizz professjonali moghti minnha.

**Fees eccessivi**

Illi fl-aħħar nett is-soċjetà konvenuta tallega li l-fees tas-soċjetà attriċi kienu eċċessivi, pero' s-soċjetà konvenuta ma tispjegax għalfejn dawn il-fees għandhom jitqiesu eċċessivi. Tqis illi kien jinkombi fuq is-soċjetà konvenuta li tipprova dak illi ġie allegat minnha, xi ħaġa li baqgħet m'għamlitx. Ix-xhieda prodotta mis-socjeta' attrici jispjegaw ghaliex huma baghtu l-invoice lis-socjeta' attrici u qalu li minkejja li s-servizz mitlub minnha kien wiehed relattivament komuni, is-socjeta' konvenuta kienet qed titlob tibdiliet fid-dokumentazzjoni li kienet qed tohrog is-socjeta' attrici ta' spiss u kull darba li kien hemm talba ghal xi tibdil naturalment is-socjeta' attrici kellha tibbilja tal-hela taz-zmien. Jinghad li l-invoice kienet wahda spjegattiva u ghalhekk f'kaz li hasset li kien hemm xi *item* li gew biljati ghalih meta s-servizz partikolari ma nghatax lilhom kellha d-dover li tissottolineja dan – haga li ma ghamlitx ghaliex ir-risposta taghha kienet wahda generali.

Għalhekk lanqas l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta fil-mertu ma jistgħu jiġu milqugħa u finalment is-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova t-talbiet tagħha fil-konfront tas-soċjetà konvenuta sal-grad probatorju rikjest mill-liġi.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta għax mhumiex mistħoqqa;

2. Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi b'dan li tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi versu s-soċjetà attriċi fis-somma ta' hamest elef tliet mija u ghaxar ewro (€5,310) bl-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv;

3. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' hamest elef tliet mija u ghaxar ewro (€5,310) flimkien mal-imgħax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv.;

4. Konsegwentement tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' hamest elef tliet mija u ghaxar ewro (€5,310) bl-imghax legali mid-data ta' din l-istess fattura sal-jum tal-hlas effettiv.;

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà konvenuta.

Magistrat Dr. Consuelo Sceri Herrera

Dep. Registratur